**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 20 ta' Novembru, 2018**

**Talba Nru: 166/2018 PM**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Bernard Mugliett (165075(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-erbgha u ghoxrin (24) t'April, 2018 illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, erba' mija u tmienja u disghin euro u hamsa u erbghin centezmi (€1498.45) in kwantu ghal tmien mija u hamsin euro u hames centezmi (€850.05) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40499225 u sitt mija u tmienja u erbghin euro u erbghin centezmi (€648.40) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40495892 liema somma l-konvenut baqa' ma hallasx minkejja li gie debitament interpellat, bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk in konnessjoni mal-ittra ufficjali numru 813/16 u bl-imghaxijiet legali.

Illi l-konvenut gie debitament ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut deher fis-seduta tad-9 t'Ottubru, 2018 huwa ma kienx assistit minn avukat u ddikjara li kien qieghed jikkontesta l-ammont mitlub peress illi s-servizz tas-socjeta` attrici gie maqtugh mill-istess socjeta`. Huwa talab zmien sabiex ikun jista' jkellem avukat tal-fiducja tieghu u jressaq ir-risposta ghat-talba. Huwa nforma lit-Tribunal li ghalkemm huwa ma ghadux jirrisjedi fl-indirizz indikat fl-avviz huwa gie informat b'din il-kawza mis-sid tal-post.

Illi waqt l-istess seduta it-Tribunal ikkonceda terminu perentorju ta' tmintax-il jum sabiex l-intimat ikun jista' jressaq ir-risposta tieghu b'kopja lill-avukat tal-konto-parti u dana sabiex fis-seduta ta' wara s-socjeta` attrici tkun tista' tibda bil-provi taghha.

Illi madanakollu fis-seduta sussegwenti la deher il-konvenut u lanqas ma rrizulta li giet prezentata risposta formali da parti tieghu.

Illi t-Tribunal ra d-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba u sema' x-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub kien u ghadu dovut mill-intimat u li kkonferma wkoll l-istess dokumenti annessi mal-avviz a sostenn tal-istess talba.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi waqt is-seduta tas-6 ta' Novembru, 2018 xehed ir-rapprezentant tas-socjeta` attrici Paul Gatt li kkonferma kemm l-ammont mitlub kif ukoll id-dokumenti annessi mal-avviz a sostenn tat-talba odjerna u minn fejn jirrizulta kjarament l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici u dovut mill-konvenut. Il-konvenut naqas milli jidher ghal dik is-seduta u naqas ukoll milli jressaq ir-risposta formali tieghu ghat-talba odjerna. Il-kawza giet konsegwentement differita ghall-ghoti tas-sentenza ghad-data tal-lum. Skont l-art. 13(b) tal-**Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar**, it-Tribunal jista' jiddeciedi l-kawza fl-assenza tal-konvenut meta dan jonqos milli jidher. Ghal kull buon fini t-Tribunal jinnota wkoll li r-raguni indikata mill-konvenut waqt is-seduta tad-9 t'Ottubru, 2018, anke kieku pruvata, m'hijiex sufficjenti sabiex tiggustifika n-nuqqas ta' pagament min-

naha tieghu tas-somom dovuti minnu ghas-servizzi uzati minnu u prestati mis-socjeta` attrici u/jew l-awtrici taghha.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma mitluba ta' elf, erba' mija u tmienja u disghin euro u hamsa u erbghin centezmi (€1498.45) in kwantu ghal tmien mija u hamsin euro u hames centezmi (€850.05) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40499225 u sitt mija u tmienja u erbghin euro u erbghin centezmi (€648.40) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40495892, bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk in konnessjoni mal-ittra ufficjali numru 813/16 u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tan-notifika tal-avviz odjern lill-konvenut kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**